**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Dicembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 244/15 AL

**A B**

vs.

**i. C [C] B**

**ii. L-avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean A Busuttil nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-minuri K L B skont digriet tal-Qorti tal-20 ta' Mejju 2016**

**iii. Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess illi jista jkollu**

**iv. X Y**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

**1)** Illi l-esponent gie awtorizzat illi jipprocedi bil-kawza odjerna biex jipprocedi b'kawza biex jichad

it-tifel, K L B, permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-14 Ottubru 2015 (anness u mmarkat **DOK A**). Jinghad illi permezz tar-risposta taghha tal-12 ta' Gunju 2015 l-intimata, C sive C B, qablet mat-talbiet rikorrenti;

**2)** Illi l-esponent izzewweg lill-intimata, C B, fid-19 ta' Dicembru 1997 (certifikat anness u mmarkat **DOK B**);

**3)** Illi fil-21 ta' Novembru 2007, u allura matul il-konvivenza ta' A B u C B, twieled K L B li illum ghandu seba' (7) snin;

**4)** Illi nhar 22 Marzu 2011 l-intimata intavolat kawza ta' paternita (88/2011RGM) fil-konfront tal-esponent u d-Direttur tar-Registru Pubbliku f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri, K L B, fejn hi talbet il-konferma tal-Qorti sabiex A B jigi kkonfermat illi mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri;

**5)** Illi gew nominati bhala deputati kuraturi l-avukat Joseph Ellis u l-prokuratur legali Jean A Busuttil sabiex jirraprezentaw lill-minuri Alexkees L B u dan permezz ta' digrieti tal-24 ta' Mejju 2013 u tal-1 ta' Lulju 2014;

**6)** Illi permezz tar-risposta guramentata tieghu d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta l-eccezzjoni illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva u dana stante illi C B ma pprosegwietx illi tircievi l-awtorizzazzjoni mehtiega ghal procediment tal-azzjoni kif stipulat fl-artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Illi abbazi ta' dan il-lapsus procedurali, l-Qorti qabblet mal-eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u iddikjarat l-azzjoni attrici irritwali u nulla (sentenza annessa u mmarkata **DOK C**);

8) Illi minkejja li A B huwa rregistrat bhala l-missier tat-tifel minuri K L B (certifikat anness u mmarkat **DOK D**) l-partijiet jafu li r-rikorrent mhuwiex fil-fatt missier l-imsemmi wild u dan gie ukoll ppruvat matul il-kawza hawnfuq imsemmija mill-Legal Paternity Test Certificate (anness u mmarkat **DOK E-F**), fatt accettat mill-intimata;

9) Illi dawn il-proceduri ma setawx jigu ntavolati mill-esponent qabel ghaliex dan il-fatt kien ghal-ewwel mistur minnu, u sussegwentament, u cioe meta sar jaf bil-qerq, strah fuq il-proceduri (88/2011RGM) migjuba minn martu, C B, illi rrizultaw illi kienu irritwali u nulli;

10) Illi gie inkluz fil-kaz odjern il-prezunt missier naturali tal-minuri, X Y, - **li fil-kawza hawnfuq imsemmija (88/2011 RGM) kien gie kjamat in kawza permezz ta' digriet tal-10 ta' Jannar 2012** - bl-iskop li l-interessi tal-minuri jigu salvagwardjati u ma jispiccax bic-certifikat tat-twelid jghid li missieru ma hux maghruf. Dan sar ukoll ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta' spejjez doppji.

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) tordna l-allegazzjoni tal-proceduri tal-kawza numru 88/11 RGM mal-atti ta' din il-kawza;

2) tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrent, A B, m'huwiex il-missier naturali ta' K L B u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u konsegwentement;

3) tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' K L B, liema att ghandu n-numru 3896/2007, kull referenza ghall-attur, A B, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-attur u jekk l-istess missier ta' l-attur huwiex haj jew mejjet, l-eta' ta' l-attur u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-attur u li jidher mill-att tat-twelid citat, u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrulha xierqa u opportuni;

4) tordna illi jittiehdu l-kampjuni genetici necessarji minn fuq il-persuna tal-intimat X Y sabiex jigi stabbilit darba ghal dejjem il-paternita' tal-minuri, K L B; u, f'kaz illi jirrizulta illi l-imsemmi X Y huwa l-missier tal-imsemmi minuri,

5) tiddikjara lill-intimat X Y bhala l-missier naturali tal-minuri, K L B; u

6) tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex isiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid ta' K L B fejn, *inter alia*, jitnizzel isem l-intimat, X Y, bhala l-missier ta' l-imsemmi K L B u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez, komprizi ukoll dawk tar-rikors ghall-awtorizazzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Jean A Busuttil fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri K L B li permezz taghha eccepew : (fol. 30)

Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-minuri K L B m'humiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant, jirrimettu ruhhom ghas-savju u superjuri gudizzju ta' dina il-Qorti u specjalment ghar-rizultanzi xjentifici illi jistghu jirrizultaw fil-kors ta' dina il-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Jean A Busuttil;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut X Y, li permezz taghha eccepixxa : (fol 33)

1. Illi preliminarjament din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba', it-tmien u d-disa' talba tar-rikors guramentat ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi l-esponenti ma kienx intimat fir-rikors tas-26 ta' Mejju 2015. L-intimati kienu biss M'C sive C B, il-kuraturi tal-minuri u d-Direttur tar-Registru Pubbliku.

b. Illi t-talba kontenuta fl-imsemmi rikors kienet tirrigwarda biss l-awtorizzazzjoni sabiex l-attur jipprocedi b'kawza sabiex jichad tifel imwieled matul iz-zwieg lil martu u xejn izjed.

c. Illi permezz ta' digriet ta' l-14 ta' Ottubru 2015 (anness mar-rikors guramentat), il-Qorti laqghet it-talbiet kif dedotti fir-rikors u awtorizzatu lill-attur jipprocedi b'kawza <u>kif mitlub</u>.

d. Illi dan ifisser illi l-awtorizzazzjoni inghatat biss sabiex jincahad il-minuri, u mhux ukoll sabiex jigi determinat min huwa l-misier bijologiku tal-minuri. Ergo l-kawza odjerna <u>ma tistax tohrog mill-parametri</u> tat-talba kif kontenuta fir-rikors tas-26 ta' Mejju 2015.

2. Illi preliminarjament ukoll l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri ghas-segwenti raguni:

   Illi din il-kawza hija bbazata fuq fuq l-artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 75 li jistipula f'subinciz (1) illi l-azzjoni sabiex tincahad il-paternita' ghandha titmexxa (a) kontra t-tifel jekk ikun ta' l-eta'; jew (b) jekk ma jkunx ta' l-eta'.......kontra kuratur mahtur mill-Qorti li quddiemha tingieb il-kawza...subinciz (2) jistipula illi f'kull kaz, l-omm ghandha tigi msejha fil-kawza.

   Isegwi ghalhekk illi l-esponenti mhuwiex il-persuna li ghandha tigi mharrka peress li l-unici zewg persuni li ghandhom ikunu mharrka f'dawn il-proceduri huma t-tifel jekk ikun ta' l-eta' jew il-kuraturi f'isem il-minuri, kif ukoll l-omm u hadd izjed.

   Illi tant hu hekk illi skond il-verbal tas-26 ta' Marzu 2015 fil-kawza numru 88/11 RGM, liema kawza hemm talba li tigi allegata ma' dawn l-atti, il-Qorti cahdet it-talba ta' A B (l-attur f'dawn il-proceduri) sabiex il-kjamat in kawza jigi ordnat jissottometti ruhu ghat-test tad-DNA ghar-raguni li l-kawza hija wahda ta' denegata paternita'.

3. Illi preliminarjament ukoll l-attur ma ghandux l-interess guridiku in kwantu t-talba ghad-dikjarazzjoni ta' l-esponenti bhala l-missier naturali tal-minuri K L B, gialadarba l-uniku interess guridiku tieghu huwa illi tigi michuda l-paternita' tal-minuri u xejn izjed.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghas-suespost, in kwantu ghar-raba' talba kif kontenuta fir-rikors guramentat, il-ligi ma taghti l-ebda setgha lil din il-Qorti sabiex tordna illi jittiehdu kampjuni genetici necessarji minn fuq il-persuna ta' l-esponenti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut X Y;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa (fol 36):

1. Illi preliminarjament nonostante illi r-rikorrent diġa kiseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna sabiex jiċħad lil-minuri *'K Yesyomar B'*, l-esponent jirrileva għal kull buon fini illi huwa il-'proviso' tal-**Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huwa applikabbli f'dawk iċ-ċirkostanżi fejn huwa meħtieġ illi l-ewwel tinkiseb l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti qabel ma jipproċedu bl-azzjoni ta' 'denegata paternità', u mhux l-**Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** hekk kif ġie indikat fil-paragrafu sitta tar-rikors in risposta bin-numru 244/2015;
2. Illi minghajr preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari ukoll, hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa, li permezz tagħha l-Avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean A Busuttil ġew maħtura bħala kuraturi *ad litem* tal-minuri *'K Yesyomar B'* skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** stante illi huma kienu ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-minuri *'K Yesyomar B'* permezz ta' digrieti tal-24 ta' Mejju 2013 u tal-1 ta' Lulju 2014 illi jappartjenu għal kawża ta' paternità oħra bir-rikors numru (88/2011RGM);
3. Illi bla ħsara għall-premess, għalkemm ir-rikorrent ippreżenta r-rapport ta' testijiet ġenetiċi li jindikaw li huwa m'huwiex il-missier naturali tal-minuri *'K Yesyomar B'*, u li b'hekk sodisfatament ipprova talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** illi r-rikorrent kien jeħtieġlu illi jipprova u jissodisfa f'trattasi minn kawża ta' *denegata paternità,* dan l-imsemmi rapport jonqos li jiġi maħluf mit-tekniku Dr. Renald Blundell;
4. Illi mingħajr preġudizzju, ikun idoneju illi din l-Onorabbli Qorti joġobha tordna li jiġu mwettqa testijiet ġenetiċi fuq l-initmat X Y ai termini tal-**Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,**

sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi dwar il- paternità tal-minuri *'K Yesyomar B'*, u liema rapport għandu jkun ġuramentat mit-tekniku li jkun wettaq l-imsemmija testijiet;

5. Illi bla ħsara, fl-istess waqt ir-rikorrent jrid ukoll jegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta' l-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri *'K Yesyomar B'* ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tiegħu, li jġib in-numru progressiv tlett elef, tmien mija, sitta u disgħin (3896) tas-sena elfejn u sebgħa (2007) hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';
6. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, u nonostante r-risposta ġuramentata tal-intimat X Y (I.D. 98569M), jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri *'K Yesyomar B'*, illi l-imsemmi intimat jiqba msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** stante illi huwa opportun u xieraq li l-imsemmi minuri tal-inqas għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tiegħu;
7. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li tintlaqa' l-eċċezzjoni numru sitta (6) surreferita tal-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri *'K Yesyomar B'* sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieled il-minuri *'K Yesyomar B'*, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri *'K Yesyomar B'*. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferit *'K Yesyomar B'* li jġib in-numru progressiv tlett elef, tmien mija, sitta u disgħin (3896) tas-sena elfejn u sebgħa (2007);
8. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri *'K Yesyomar B'* a tenur tat-tieni proviso **tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**9.** Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm hekk kif jidher mill-Att tat-Twelid tal-minuri *'K Yesyomar B'* li jġib in-numru progressiv tlett elef, tmien mija, sitta u disgħin (3896) tas-sena elfejn u sebgħa (2007) anness u mmarkat bħala 'Dok A';

**10.** Illi mingħajr ħsara għas-suespost għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jistqarr illi mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għar-riżultanzi istruttorji u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**11.** Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**12.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B, li permezz taghha eccepiet (fol 43):

1. Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel talba;
2. Illi l-esponenti taqbel mat-tieni talba;
3. Illi l-esponenti taqbel ukoll mat-tielet talba;
4. Illi l-esponenti topponi ghar-raba' talba;
5. Illi l-esponenti topponi ghal hames talba;
6. Illi l-esponenti topponi ghas-sitt talba;

Rat il-lista tax-xhieda tal- tal-konvenuta C B;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[1], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

Rat illi permezz ta' digriet iddatat l-14 t'Ottubru 2015, l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi, sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri K L. Rat illi in vista ta' dan l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet minnu irtirata fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju 2016.

Rat illi permezz ta' digriet ddatat l-20 ta' Mejju 2016, ill-Qorti kkonfermat lill-Avukat Dr. Joseph Ellis u lill-Prokuratur Legali Jean A Busuttil bħala kuraturi għan-nom u in rapprezentanza tal-minuri K L B, fl-atti ta' din il-kawża u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti. Rat illi b'hekk, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha tal-kawża fl-ismijiet <u>C (C) B vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku et</u> (Rikors Ġuramentat: 88/11RGM), liema atti, b'ordni tal-Qorti, ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna. Illi b'hekk l-ewwel talba attriċi ġiet akkolta.

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri K L imwieled lill-konvenuta nhar il-21 ta' Novembru 2007, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti mill-molecular and cellular biologist Dr. Renald Blundell[2].

Ikkunsidrat

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Affidavit fol. 53 et seq. tal-proċess

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata minn żewġ l-omm ("the husband") għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri K L B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri tnissel u twieled matul iż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta, dana m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu. Jallega illi martu, matul il-konvivenza tagħhom fiż-żwieġ, kellha relazzjoni intima mal-konvenut X Y, li minnha ġie mnissel il-minuri K L. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tal-attur jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur m'huwiex il-missier bijoloġiku tal-minuri K L B. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi.

Inoltré, l-attur jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmi konvenut X Y jiġi dikjarat bħala l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri K L.

Il-Qorti tirrileva li qua żewġ l-omm, l-unika azzjoni spettanti lill-attur hija dik ta' denegata paternita`, illi permezz tagħha huwa jċaħħad lill-minuri mill-paternita tiegħu. M'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat. Dik l-azzjoni tispetta jew lill-istess missier naturali ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-omm ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-iben innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili.

Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li takkolji r-raba', l-ħames u s-sitt talbiet attriċi. Minkejja li l-attur, li rabba lill-minuri bħala ibnu għal tliet snin, sakemm skopra l-qerq ta' martu, possibilment għandu l-interess emottiv li jara lit-tifel magħqud ma' missieru naturali, m'għandux l-interess ġuridiku illi jagħmel dan.

Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad dawn it-talbiet tal-attur filwaqt illi tissolleċita lill-omm ossia l-konvenuta C B,

jew lill-Kuraturi Deputati maħtura għan-nom il-minuri sabiex jagħmlu dak li huwa meħtieġ biex l-identita` tal-missier naturali tkun ikkonfermata, u l-istess ikun rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri. Għal kull buon fini, l-Qorti minn issa, tikkonferma lill-Avukat Dr. Joseph Ellis u lill-Prokuratur Legali Jean A Busuttil bħala kuraturi għall-istess minuri sabiex jintavolaw kwalsiasi att li fil-fehma tagħhom jista' jwassal sabiex dana jseħħ.

Illi rigward il-kunjom li għandu jassumi l-minuri, fin-nuqqas ta' talba kuntrarja, il-Qorti bl-applikazzjoni tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, qiegħda tordna illi l-minuri K L B jibqa' magħruf bil-kunjom B.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi l-attur A B m'huwiex il-missier naturali ta' K L B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmi minuri, kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur;

3. Tiċħad ir-raba', l-ħames u s-sitt talbiet attriċi u konsegwentement tillibera lill-konvenut X Y mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-attur ibati l-ispejjeż tiegħu u tal-konvenut X Y, fil-waqt illi l-konvenuta C B, tbati l-ispejjeż tagħha, tal-Kuraturi Deputati u tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.